LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI – 2016

It-tnejn u għoxrin laqgha annwali ġenerali għas-sena 2016 inżammet fis-sala tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, nhar il- Ġimgħa, 22 ta' Jannar 2016 fis-18.00.

Preżenti:
Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schemberi, il-membri Maria Portelli, Marcel Tabone, Anthony Briffa u s- Segretarju Ezekuttiv Miriam Attard.

Skuzati:
Il-membri Joe Debrincat u Michel Buttiġieġ.

Talba:
Wara t-talba nqraw u ġew approvati l-minuti tal-laqgħa tas-sena li għaddiet.

Rapport tas- Sindku:

Is-Sindku ressaq rapport dettaljat ta' xogħolijiet li tkomplew u twettqu matul is-sena 2015. Dan ir-rapport jinsab anness.

Intervent mill- Pubbliku:

1. Il-proġetti li għadu kif lesta l-kunsill huma ta' min jiftaħar bihom, pero' kien ikun aktar xieraq li kieku tneħħew is- siġar ta Pjazza Indipendenza u minflokom saru oħrajn aktar adekwati.

2. Rigward Pjazza San Franġisk ġie rrappurtat li għad hemm il-bankini mhux liberi għall-*pedestrians* minħabba l-parkeġġ illegali jew ikunu meħudin mil-imwejjed u s-siġġijiet tal-ħwienet tax- xorb.

3. Dwar Pjazza Savina tressaq ilment rigward parti ta' bankina żgħira li tispiċċa l- barra u qed toħloq inkonvenjent peress li hi xi ftit jew wisq perikoluża. Filfatt kien hemm min waqa' u weġġa minħabba l- għamla ta' din il-bankina. Din saret skont il-permess ta' Transport Malta (TM) u qedgħa hekk minħabb ali trid issir il-*belshia beacon* taz-*zebra crossing*.

4. Rigward il-bankina ta' faċċata ta' 'Portelli Confectionary' gie suġġerit li ssir forma ta' rampa għal-użu tal-*wheelchairs*. Din ma saritx minħabba l-qlib tal-ilma f'din il-parti tat-triq.

5. Il-Kunsill ġie mistoqsi rigward il-*litter bins* fl-*area* tat-Tokk u Pjazza Savina. Il-*litter bin* tal-kantuniera tat-Telgħa tal-Belt għadu ma tpoġġiex peress li għaddej ix-xogħol fiċ-Ċittadella u qed jitilgħu bosta trakkijiet, bil-konsegwenza li huma u jiksru, l-*litter bin* jista' jkun ta' ostaklu. Sadanittant jistgħu jitpoġġew żewġ *litter bins* fi Pjazza Savina.

6. Ġie suġġerit li jiżdied id-dawl fi Triq Gedrin. Is-Sindku għarraf lill-preżenti li diġa' ġew ordanti zżewġ bozzoz oħra għal din it-triq biex jitpoġġew fejn hemm in-nuqqas ta' dawl.

7. Tressqu Imenti rigward bankini perikolużi f'toroq arterjali, fosthom:-
- Triq Kapuċċini li m'hi adekwata xejn għall-pesuni b'diżabilta' jew *push-chairs* u li dawn ikollhom jimxu l- barra mill-vetturi pparkjati;
- Il-bankini ta' Triq Kapuċċini fil- parti ta' fuq qrib salib it-toroq tkun mimlija ħmieġ tal-ħamiem.
- Triq taħt Putirjal fejn din tiżlooq ħafna fil-parti ta' fuq lejn Pjazza San Franġisk.
- Fi Triq Fortunato Mizzi, l-bankina ta' quddiem 'Cupid' hi perikoluża.

Dawn l-ilmenti jitressqu lill-Gvern Ċentrali.

8. Ġie suġġerit li fir-Rabat ikun hawn aktar sigurta' u spezzjonijiet mill-Pulizija, speċjalment bil-lejl. Is-Sindku qal li l-infurzar hi problema minħabba l-fatt li fil-preżent Għawdex jinsab bi Spettur tal- Pulizija wieħed u l-gwardjani lokali huma f'idejn ir- Reġjun t'Għawdex u mhux direttament f' idjen il-kunsill.

9. Dawr l-*area* tal-Far tressqu dawn l-ilmenti u s-suġġerimenti:-
- Meta tranġat Triq Fotutnao Mizzi t-tabelli li jindikaw li t-triq hi f'Żona A, jiġifieri fl-iskema tal-parkeġġ ikkontrollat, dawn it-tabelli ma reġgħux tpoġġew.
- Il-kantuniera ta' Triq Fortunato Mizzi ma Triq l-Universitas hi perikoluża għas-sewwieqa li jkunu ħerġin minn Triq l-Universitas. Dan peress li ma jkollhomx vista ċara minħabba l-vetturi li jipparkjaw n-naħħa tal-'Cupid'.

Dawn l-ilmenti ser jitressqu lill-TM.

10. Tressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jara x'jista' jagħmel fil-parti d-dejqa ta' Triq it-8 ta' Diċembru fejn il- karozzi jipparkjaw fuq iz-żewġ naħħat.

11. Ġie suġġerit li fil-*playing field* ssir *area* fejn ikun hemm apparat fejn persuni adulti jkunu jistgħu jagħmlu l-eżerċizzju fuqhom.

Is-Sindku rringrazzja lir-residenti li għoġobhom jipparteċipaw f'din il- laqgħa li spiċċat fis-19.00

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |